MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 1723/2004

**IT & T Limited
(Numru ta' registrazzjoni C26874)**

**Vs**

**Karistu Abela I. D. 183561(M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' mija u sebgha u sittin lira Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm167.99c) rapprezentanti prezz ta' servizzi rezi lill-konvenut fuq ordnijiet tieghu stess skond invoices A1 sa A9 esebiti fil-process.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez tant illi s-socjeta' attrici naqset illi tipprovdi lill-konvenut b'*domain* kif kienet inkarigata li taghmel u li

ghalih is-socjeta' attrici qed tippretendi hlas. Il-konvenut ipprevalixxi ruhu u pprezenta Kontro-Talba fejn ippretenda li s-socjeta' attrici thallsu s-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000) rapprezentanti danni minnu sofferti b'rizultat ta' l-allegat nuqqas ta' adempjenza da parti tas-socjeta' attrici.

Ra r-Risposta tas-socjeta' attrici ghall-Kontro-Talba li biha kkontestat il-Kontro-Talba.

Sema' x-xhieda ta' Reuben Galea, Frank Borg u ta' Karistu Abela.

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Francis Galea Salomone ghas-socjeta' attrici u ta' Dr Chris Cilia ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-konvenut talab lis-socjeta' attrici tipprovdih b'servizz ta' internet u dan kwantu ghal servizz maghruf bhala ADSL u inoltre talab lis-socjeta' attrici wkoll sabiex tirregistralu *domain name*.

Is-socjeta' attrici qieghda titlob hlas kemm ghall-uzu ta' l-ADSL u kif ukoll ghar-registrazzjoni ta' l-imsemmi *domain name*.

Il-konvenut ghalkemm ma jikkontestax li uza s-servizz ta' l-internet, qed jibbaza l-kontestazzjoni fuq ir-registrazzjoni tad-*domain name*. Effettivament l-isem li gie rregistrat huwa 'msgroup.net' mentri l-konvenut isostni illi d-*domain name* li kellu jigi rregistrat huwa 'msg.net'. Jirrizulta mill-provi illi l-isem 'msg.net' ilu rregistrat fuq socjeta' Amerikana mill-1995.

Il-konvenut isostni illi minhabba d-differenza fl-isem u li hu kien minn ghalih li rregistra favurih l-isem 'msg.net' huwa nkorra spejjez sostanzjali sabiex ibiddel is-sistema u jbiddel is-CD's li kien bihsiebu jbiegh relattivi ghal Studies in St Thomas Aquinas, Greek and Roman Classics,

Studies in William Shakespeare, Virtual Bible u Maltese Spellcheck.

F'dan ir-rigward, gew esebiti erba' CD's, cjoe' s-CD's ta' l-ewwel erba' mill-hames programmi fuq imsemmija u minn ezami taghhom, meta wiehed jezamina l-*properties* taghhom, jirrizulta illi dawn is-CD's gew *created* u *modified* bejn Jannar u Frar 2002.

Il-konvenut isostni illi qabel Awissu 2004 ma kienx utilizza l-website tieghu u kien hemm li nduna li kien hemm differenza fir-registrazzjoni ta' l-isem.

Jirrizulta wkoll illi f'Jannar 2004 il-konvenut ma baqax jutilizza s-servizz tas-socjeta' attrici u huwa jghid li ma baqax jaghmel hekk ghax haseb li qed jghadduh biz-zmien ghax hu kien talab li jinghata *a secure system* u li dan ma giex ipprovdut.

It-Tribunal jidhirlu illi l-vertenza kollha fil-kwistjoni tirrigwarda ezattament x'kien il-ftehim bejn il-partijiet fil-mument li gie rregistrat 'il fuq imsemmi *domain name*.

Is-socjeta' attrici ssostni illi d-*domain name* gie rregistrat f'temp ta' minuta jew tnejn fil-prezenza ta' l-istess konvenut li seta' jara dak li qed jigi mibghut fuq il-computer tramite l-internet izda l-konvenut jallega illi fil-fatt mid-dokumentazzjoni li ntbaghtet lilu, r-referenza qieghda biss fuq 'msg' u mhux 'msgroup'.

Is-socjeta' attrici tispjega illi fil-fatt hija taghmel referenza ghall-'msg' u mhux 'msgroup' fuq id-dokumentazzjoni ghaliex uzaw l-ittri 'msg' bhala abbrevjazzjoni.

Illi ghalhekk il-kwistjoni kollha hi x'kien il-ftehim fil-mument li gie rregistrat id-*domain name* jigifieri jekk is-socjeta' attrici rregistratx korrettament id-*domain name* jew le.

It-Tribunal ha l-okkazjoni biex jara l-imsemmija erba' CD's li gew esebiti u minn tfittxija li ghamel irrizultalu illi l-ahhar darba li kien hemm bidla fil-kontenut ta' dawn is-CD's, kien ghall-habta ta' Jannar/Frar 2002.

Inoltre, gewwa dawn is-CD's hemm indikazzjoni illi ghal fini ta' nformazzjoni l-kuntatt irid isir f'dan l-indirizz 'http://www.msgroup.net'. Dan ifisser illi sa Jannar/Frar 2002 jirrizulta bic-car illi d-*domain name* li ried jopera tahtu l-konvenut kien 'www.msgroup.net'. M'hemm l-ebda referenza fil-kontenut ta' l-imsemmija CD's ghad-*domain name* 'www.msg.net' u ghalhekk jidher car illi f'Jannar/Frar 2002 id-*domain name* li ried jopera bih il-konvenut kien 'www.msgroup.net'.

Jirrizulta illi fil-fatt ir-registrazzjoni tad-*domain name* saret ghall-habta ta' Lulju 2002, jigifieri wara l-produzzjoni ta' l-imsemmija CD's u ghalhekk m'huwiex verosimili dak li qed jghid il-konvenut li ried jirregistra 'msg.net' u mhux 'msgroup.net'. Is-CD's minnu manifatturati kienu juzaw l-isem 'msgroup.net' u ma kienx ikun verosimili li, galadarba dawn is-CD's kienu gja' manifatturati, juza isem differenti.

Inoltre, apparti l-imsemmi website, anki l-email address tal-konvenut indikat fl-imsemmija CD's huwa 'kabela@msgroup.net' u mhux 'kabela@msg.net'. Huwa biss fuq il-*literature* anness mas-CD li hemm referenza ghall-'msg.net'. Fis-CD innifsu jekk wiehed jifthu u jaqrah fuq il-computer ma jsibx referenza ghall-'msg.net' izda r-referenza hemm imsemmija hija ghall-'msgroup.net'.

Galadarba s-CD's gew manifatturati qabel ir-registrazzjoni tad-*domain name* t-Tribunal huwa sodisfatt illi l-instructions li nghataw ghar-registrazzjoni tad-*domain name* kien kombacjenti mal-kontenut tas-CD's.

Id-diskrepanza li jirrizulta lil dan it-Tribunal huwa fil-*printing* tal-*literature* anness mas-CD. Il-konvenut jghid illi huwa sofra danni billi stampa *literature* nnutilment u m'huwiex eskluz il-fatt illi a bazi ta' l-invoices mibghuta mis-socjeta' attrici, l-konvenut seta' gie ndott f'dan l-izball, izda f'dan ir-rigward jigi rilevat illi fl-ewwel lok m'hemm l-ebda provi li l-kontenut tas-CD's gie mibdul minhabba f'dan l-izball u jekk kien hemm *printing* bi zball li dwaru l-konvenut dahal f'xi spejjez, ma gew prodotti l-ebda provi relattivi ghall-ispejjez minnu nkorsi. Inoltre l-konvenut

jghid li qatta’ sighat twal jimmodifika l-kontenut tas-CD’s izda din l-allegazzjoni ma tirrizultax ippruvata.

Galadarba l-konvenut kien jaf li kien ser ikun hemm kontestazzjoni, liema kontestazzjoni kien jaf biha jew seta’ kien jaf biha ghall-habta tal-2004, m’huwiex verosimili illi f’Kontro-Talba fis-somma ta’ elf lira Maltin (Lm1,000) kif qieghed jippretendi l-konvenut, id-dokumentazzjoni tintilef u ma jkunx hemm tracca taghha.

Il-konvenut ilmenta li s-socjeta’ attrici ma pprovdietlux *a secure system* izda jigi rilevat li l-konvenut ftiehem li l-website jigi *hosted* bl-apparat tieghu d-dar u ghalhekk jekk ried *a secure system*, din setghet tigi pprovduta minnu stess.  Ghalhekk anki dan l-ilment mhux gustifikat.

Illi ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi l-Kontro-Talba ghandha tigi michuda u t-talba attrici ghandha tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal filwaqt li jichad il-Kontro-Talba bl-ispejjez, jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija u sebgha u sittin lira Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm167.99c) bl-interessi u bl-ispejjez kollha tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------